## ~~GHAD NERĠA' . . .~~

~~*Għad nerġa għat-triq it-twila*~~
~~*Li ma twassal għal imkien;*~~
~~*Nimxi għad-dawl tal-qamar*~~
~~*U max-xemx, ferħan, għajjien.*~~

~~*Għad nerġa' nħoss fuq fommi*~~
~~*Il-bewsa tal-irjieħ;*~~
~~*Xi drabi għad nitlewwmu*~~
~~*W iħalluni bla mistrieħ.*~~

~~*Ma nibqa' dejjem sejjer*~~
~~*Fit-triq twila tal-imkien,*~~
~~*U nibqa' ngħanni dejjem*~~
~~*Għanjiet li m'għandhomx żmien.*~~

~~14.vi.53~~ ~~R. Briffa~~

## XEWQAT . . .

*Bl-uġigħ u d-dwejjaq f'qalbi,*
*U b'ruħ maħruqa b'talbi,*
*Nitniehed b'xewqat bla sabar,*
*Imqanqla donnhom baħar,*
*Inxħett fiċ-ċpar xebbieni,*
*Li jiksi wied sewdieni,*
*Fis-siegħa taż-żerniq,*
*Il-ħin ta' l-akbar dieq;*
*Għax ħassejt ruħi fija*
*Għatxiena għas-sbuħija.*

*Kien hemm il-kwiekeb f'ġemgħa,*
*Jgħannu bil-ferħ tas-sema*
*Xħin jien mixtieq mill-ġmiel,*
*Kont qed bl-uġigħ nidbiel.*

J. Azzopardi

Erfa' jdejk biex issawwat, u tiġi ħafna 'l isfel minn għaduk. (Qawl Ċiniż)